MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 225/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c. – C 3177**

**vs**

**Joseph Degiorgio - ID 1077541 M**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:

Illi b'sentenza tal-Prim' Awla tai-Qorti Clvili tat-18 ta' April 2002 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta plc vs Joseph Degiorgio u martu Lilian Degiorgio" il-bank attur gie kanonizzat kreditur tal-konvenut Joseph Degiorgio u martu fis-somma ta' mija u dsatax-il elf u dsatax-il lira

maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm119,019.53) bl-imghax legali fuq l-istess ammont bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) mit-22 ta’ Settembru 1999 sad-data tal-effettiv pagament oltre l-ispejjez gudizzjarji.(Dok A);

Illi sallum mill-kreditu kanonizzat ghandu ma thallas xejn skond kif jirrizulta mill-anness prospett (Dok B);

Illi l-konvenut, li huwa negozjant waqaf mill-hlas tad-djun tieghu u huwa fi stat ta’ falliment;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti, m’ghandiex:-

1. tiddikjara illi l-konvenut waqaf mill-hlas tad-djun tieghu u ghalhekk fi stat ta’ falliment;

2. tistabilixxi il-jum li fih il-konvenut ghandu .jitqies li waqaf mill-hlasijiet tad-djun tieghu;

3. tahtar kuratur tal-falliment skond il-ligi;

Bl-ispejjez kontra il-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibti;

Semghet ix-xhud prodott mill-bank attur;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Gunju 2005 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet kollha attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Jigi rilevat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jidher u naqas li jikkontesta t-talbiet tal-bank attur;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-konvenut waqaf mill-hlas tad-djun tieghu u dana mid-data ta' din is-sentenza u ghalhekk jinsab fi stat ta' falliment. Tahtar lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala kuratur tal-falliment skond il-ligi u bil-fakoltajiet solidi;

Spejjez kontra il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------